

Konvenut: Oil Trading Poland sp. z o.o.

Dispożittiv

L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE, tal-25 ta' Frar 1992, dwar l-arranġamenti ġeneralji għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti, u l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar l-arranġamenti ġeneralji għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE, għandhom jiġi interpretati fis-sens li ma jipprekludux li prodotti li ma jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-direttivi, bħalma huma ż-żejt lubrikanti intiżi għal użi differenti minn dawk ta' karburant jew ta' kċombustibbli, jiġi suġġetti għal taxxa rregolata minn regoli li huma identiċi għal dawk dwar is-sistema tad-dazju tas-sisa armonizzat prevista mill-imsemmija direttivi, peress li l-fatt li l-imsemmija prodotti jiġi suġġetti għal din it-taxxa ma jinvolvix formalitajiet konnessi mal-qsim tal-fruntieri fil-kummerċ bejn l-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU C 274, 21.09.2013.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-12 ta' Frar 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank Oost-Brabant, zittingsplaats 's-Hertogenbosch – il-Pajjiżi l-Baxxi) – proċeduri kriminali kontra N.F. Gielen, M.M.J. Geerings, F.A.C. Pruijmboom, A.A. Pruijmboom

(Kawża C-369/13)⁽¹⁾

[Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Prekursuri ta' drogi — Monitoraġġ tal-kummerċ bejn l-Istati Membri — Regolament (KE) Nru 273/2004 — Monitoraġġ tal-kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi terzi — Regolament (KE) Nru 111/2005 — Kunċett ta' "sustanza skedata" — Sustanza "alpha-phenylacetoneitrile" (APAAN) — Sustanza skedata "1-phenyl-2-propanone" (BMK)]

(2015/C 118/07)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank Oost-Brabant, zittingsplaats 's-Hertogenbosch

Partijiet fil-proċedura kriminali prinċipali

N.F. Gielen, M.M.J. Geerings, F.A.C. Pruijmboom, A.A. Pruijmboom

Dispożittiv

L-Artikoli 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, dwar prekursuri tad-droga, u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005, tat-22 ta' Diċembru 2004, li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi, għandhom jiġi interpretati fis-sens li l-klassifikazzjoni bħala "sustanza skedata", fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ma tapplikax għal sustanza, bħall-alpha-phenylacetoneitrile, li ma hijiex prevista fl-Anness I tar-Regolament Nru 273/2004 jew fl-Anness tar-Regolament Nru 111/2005, anki jekk jitqies li, b'mezzi applikabbli faċilment jew vijabbli ekonomikament, fis-sens ta' dawn ir-regolamenti, hija tista' tiġi ttransformata faċilment f'sustanza prevista fl-imsemmija annessi.

⁽¹⁾ ĠU C 260, 07.09.2013.